# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 8**

**Avviz numru 1134/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmen Cini**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM372.85,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 672511/807657 (skond kif jirrizulta mill-**

**anness 'statement Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond Paola u dana skond ma kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. B;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali ta' 3 ta' Gunju 1998 u 28 ta' Settembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepieti s-segwenti:**

1. **Illi l-ammont reklamat mill-atturi huwa esagerat tenut kont li l-konvenuta hija persuna anzjana wehida li ftit li xejn taghmel telefonati, specjalment meta s-socjeta' attrici qed tindika li whud mill-kontijiet jirrisalu ghal aktar minn ghaxar liri (Lm10.00,0);**

2. **Illi meta hadet is-servizz telefoniku, hija kienet infurmata li kellha tgawdi minn rati ta' kera specjali, u cioe' ridotti, liema rati ma jidhirx li gew applikati ghaliha;**

3. **Illi hija qed tiprevalixxi ruhha mill-beneficju ta' l-ghajnuna legali (Dok. CC);**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-procedura odjerna giet installata stante li l-konvenuta li kriet is-servizz telefoniku fuq in-numri 672511 u 807657 baqghet ma hallsitx l-ammont ta' tlett mija u tnejn u sebghin Lira**

**Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (LM372.85,0), dovuti minnha ghas-servizzi lilha rezi;**

2. **Illi jirrizulta effettivament li fuq in-numru 672511 il-konvenuta ghandha tirrifondi l-ammont ta' mija u disa' Liri Maltin u hames centezmi, (LM109.05,0), u fuq in-numru 807657 din ghandha tirrifondi l-ammont ta' tlett mija u sitta u tletin Lira Maltin u disghin centezmu, (LM336.90,0), komplessivament aktar mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici;**

3. **Illi effettivament jirrizulta li l-konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta Carmen Cini thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u tnejn u sebghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (LM372.85,0), kif mitlub fl-avviz odjern, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali datata t-3 ta' Gunju ta' l-1998.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**